# Karmenu Vassallo: ħabib sinċier u onest

***Gużè Chetcuti***

AKTAR MINN nofs seklu! Daqshekk konna ilna nafu 'l xulxin jien u Karmenu Vassallo.

Ħamsin sena u fuqhom – wieħed jista' jaħseb tul din il-medda twila ta' snin kif jien u Karmenu qrajna qalb xulxin f'kull mument meta minn ruħna ħarġet il-poeżija daqqiet imbaqbqa bl-inkwiet li taf tagħti l-ħajja daqqiet imfawra bil-passjoni ta' mħabba nazzjonali, reliġjuża jew profana.

Kienet is-sena 1933 – forsi qabel ukoll – meta ltqajna l-ewwel darba mhux personalment imma permezz tal-poeżija f'*Il-Pronostku Malti*. Minn dik is-sena 'l hawn il-kuntatti tagħna ma qatgħu qatt. Anqas fis-snin tal-gwerra għax bqajna niktbu 'l xulxin u kienu diversi l-okkażjonijiet li ltqajna wkoll il-Belt meta hu kien jiġi mis-Siġġiewi għal xi laqgħa tal-Kunsill tal-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'', u ma kinitx okkażjoni waħda meta stajna nħallu ħajjitna flimkien f'attakki mill-ajru waqt laqgħa tal-Kunsill. Okkażjoni minnhom meta waqa' t-Teatru Rjal. Hemm konna fix-xelter ta' taħt dak it-Teatru.

Il-ħbiberija tagħna kien hemm mument qasir li xxellfet imma xxellfet biex aktar issaħħet għax Karmenu kien il-bniedem b'qalb tad-deheb, qalila fir-rabja imma safja fl-imħabba u fir-rispett. Bħan-nar tat-tiben kien jikbes biex jintefa malajr. Dan kien kollu riżultat tal-personalità temperamentali li kellu.

Tant kellha r-rabta tagħna tkun hekk sħiħa li x-xorti laqqgħetna mhux biss fil-poeżija u fil-ġlieda tagħna għat-tisħiħ ta' l-Ilsien Malti imma wkoll bħala għalliema fil-Liċeo u eżaminaturi diversi drabi f'eżamijiet tal-Malti ta' l-iskrivani taċ-Ċivil u ta' l-ispetturi tal-Pulizija.

Karmenu kien sinċier fil-veru sens tal-kelma. Kien żbukkat, dak li jħoss igħidu, jekk abjad abjad, jekk iswed ma joqgħodx jinħeba wara sebgħu u jgħidlek li hu abjad: igħid ċar u tond li ma għoġbux.

M'għandix il-ħsieb noqgħod nikteb u nfaħħar il-kwalitajiet letterarji għolja ta' Karmenu Vassallo. Dak għamluh oħrajn, u b'ħila mhux żgħira kitbu dwaru l-Professur Aquilina, Dr. Oliver Friggieri u l-Imħallef Wallace Gulia. Anqas ma rrid nitkellem dwar il-karattru simpatiku, għalkemm temperamentali, li kellu li kont tħossu jiġbdek bis-sempliċità u bl-onestà tiegħu. Imma dwar karatteristika rari li f'qalbu kienet hekk faċli u hekk qawwija: is-sinċerità. Għax kien sinċier u onest li darba l-ħbiberija tagħna xxellfet ftit, kif ġà għedt. Dan jikkonfermawh żewġ ittri li kitibli u li rnexxieli nsib fost ħafna ittri oħra; żewġ ittri li ma dehrux fil-ktieb ferm interessanti *''Għażiż Karmenu . . .''* Inkitbu b'distanza żgħira ta' erba' xhur bejniethom u juru ċar kif il-qalb ta' Karmenu taf tinbidel fil-mument li tħossha trid tgħajjat meta tkun imweġġgħa u taf tinsa qisu qatt ma kien xejn u togħla m'ogħla s-sema bil-ferħ ta' tifel żgħir. Inħoss li dawn l-ittri għad jitqiegħdu



bħala eżempju tal-karattru flessibbli fil-bijografija tal-ħajja mħabbta ta' Karmenu Vassallo.

Karmenu kien ħabib sinċier u onest. Ukoll mis-sodda li fiha għamel snin twal marid kien iċempilli sikwit, u meta ħriġt il-ktieb *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji oħra* tant entużjażma ruħu bil-ktieb li kiteb reċensjoni fit-tul meta għalih il-kitba kienet saret uġigħ u tbatija.*

L-aħħar ktieb li bgħattlu u li għoġbu ferm kien id-dramm *1919*. Laqat is-sentimenti tiegħu ta' bniedem li bħall-karattri tad-dramm ġarrab il-faqar u sfida l-umanità li ħaqritu. Ma lħaqtx bgħattlu l-aħħar ktieb tiegħi *Qabel Telgħet ix-Xemx*. Kien laħaq miet ftit ġranet qabel ippubblikajtu.

L-aħħar ċempila tiegħu kienet sewwa sew ġimgħa qabel miet. Domna nitkellmu kważi siegħa fuq it-telefon fuq kotba u fuq ħbieb kittieba. Moħħu kien ċar, kliemu sod, ma kontx tgħid li kien ta' bniedem li l-Mewt kienet diġà qed tistennieh wara l-bieb.

Għalija Karmenu jibqa' eżempju dejjem ħaj ta' sinċerità u onestà.

* Ara reċensjoni *infra*.

Karmenu Vassallo, bħala Fra Tumas, flimkien ma' membri reliġjużi oħra tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fl-Imdina waqt in-novizzjat.

